NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Lulju - Awissu 1989 Nru 49

## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# *"IL-FESTA T-TAJBA!!"*

Tiżjin u armar: ġbir u kunċerti. Ġiri minn hawn għall-hemm. Il-ħajja ssir aktar mgħaġġla milli hi normalment. Kulħadd jitkellem dwarha. Kulħadd iridha li tkun festa mill-aqwa. Nistennewha fuq ix-xwiek! Tgħaddi tiġri f'teptipa ta' għajn!

X'ser jibqa'?

Jista' jibqa' ħafna u jista' ma jibqa xejn. Ikun ta' ferħ għaliha jekk il-festa tħalli xi għamla ta' frott ġo fina filwaqt li jkun tassew ta' għajb għalina jekk wara daqstant taħbit u xogħol nibqgħu b'idejna f'idejna.

Dan hu l-awgurju tiegħi għalikom ilkoll: nixteqilkom ilkoll il-***Festa t-tajba!*** Iżda biex tkun verament ***il-festa t-tajba,*** jeħtieġ:-

* Li bħalma nżejjnu l-Bażilika bl-ifjen affarijiet li jixirqu għall-festa, u bħalma narmaw il-pavaljuni, u d-dawl fit-toroq u fil-pjazez, hekk ukoll irridu nżejnu ruħna bil-grazzja t'Alla. Dan jista' jsir bi qrara sinċiera u tqarbina li ssaħħaħna fit-tjieba u fl-imħabba.
* Li bħalma nerfgħu għajnejna 'il fuq biex inħarsu lejn l-istatwa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, inħallu għajnejna jibqgħu telgħin iktar 'il fuq, lejn is-sema. Dik hi pajjiżna li qed tistenniena. Iżda biex nakkwistawha irridu nimitaw lill-San Ġorġ, billi bħalu nġorru s-salib li Alla jgħoġbu jibgħatilna, u permezz tagħhom ningħaqdu dejjem iżjed ma' Kristu, s-Salvatur tagħna.
* Li bħalma noħonqu t-toroq u l-pjazez biex nitpaxxew marċi briljużi u d-daqq maestuż tal-qniepen tagħna, hekk ukoll nimlew il-Bażilika għal-kull attività li ssir ġewwa fiha; u niftħu widnejna ħalli nisimgħu x'għandu x'jgħidilna l-Patrun tad-Djoċesi tagħna, San Ġorġ, u nagħmlu dak li jgħidilna biex ngħoġbu lil Alla.
* Li bħalma niltaqgħu u nixorbu mal-ħbieb biex nuru l-ferħ tagħna, hekk ukoll fil-jiem tal-festa nippruvaw naqsmu dan il-ferħ ma' min hu inqas ixxurtjat minna, billi nieħdu sehem fil-kampanja ta' ġenerożità li ssir b'risq id-djar tat-tfal li l-knisja għandha f'pajjiżna.
* Li bħalma nixtiequ li l-festa ta' San Ġorġ tkun il-festa tal-poplu kollu, hekk ukoll għandna naraw li ħadd minna ma jweġġgħa bi kliemu jew b'għemilu lill-oħrajn ta' madwarna. Ejjew nifirħu, ejjew niċċelebraw, ejjew ningħaqdu dejjem iżjed flimkien.



Jekk aħna nwettqu dan kollu, allura żgur li l-festa tħalli ġid kbir ġewwa fina. Żgur li ħadd ma jkun jista' jargumentalna li l-festa tiġi għalxejn: jew inkella li hija ħela tal-flus u ta' l-enerġija. J'Alla l-Patrun tagħna San Ġorġ iħarisna, jieħu gost bina u jgħinna nagħmlu mill-festa tagħna, ***il-Festa t-tajba.***



Il-Komunita Parrokkjali Ġorġjana flimkien mal-Bord Editorjal jifirħu lil DUN MANWEL BUTTIGIEG u lid-DJAKNU ĠORĠ BEZZINA, żewġ membri tal-Presbyterium ta' San Ġorġ li nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju 1989 irċevew mingħand Mons Isqof l-Ordni tal-Presbiterat u Djakonat rispettivament. Nifirħu wkoll lill-ġenituri tagħhom u filwaqt li nitolbu għalihom nixtiequlhom AD MULTOS ANNOS.



IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## *Membri ġodda fil-Komunita Parrokkjali*

7.5.89: ANTHONY, iben John Zammit u Rose neè Camilleri

21.5.89: CHRISTOPHER CHARLES, iben Paul Tabone u Doreen neè Attard

27.5.89: RAFFAELLA, bint Joseph Bugeja u Cettina neè Conti

27.5.89: MARIA, bint Joseph Debono u Doreen neè Bugeja

27.5.89: ANTHEA CHRISTINE, bint Carmel Borg u Victoria neè Said

27.5.89: LIANNE, bint Michael Falzon u Doreen neè Said

3.6.89: STEVE, iben Paul Caruana u Silvia neè Xuereb

4.6.89: MONICA-MARIE, bint Krispin Parnis u MaryAnne neè Grima

10.6.89: JOANNA, bint Joseph Apap, u Doris neè Farrugia

10.6.89: GEORGANETE, bint Michael Farrugia u Gracie neè Scicluna.

17.6.89: KENNETH iben Carmel Rapa u Vicky neè Mercieca

## *Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:*

21.5.89: Edward Borg (Paola) u Mary Tabone.

10.6.89: Victor Schembri (Xagħra) u Georgette Cutajar

11.6.89: George Borg u Tania Galea

17.6.89: Silvio Masini (Xagħra) u Pauline Cefai

## *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat*

13.5.89: Annunzjata Vassallo

21.5.89: Carmelo Calleja

09.6.89: Anthony Attard

12.6.89: Nikolina Camilleri

**HINIJIET TAL-QUDDIES FILGĦAXIJA:**

**Ħdud u Festi:** Fil-5.00p.m.

**Matul il-Ġimgħa:** Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.

***N.B.** Dan l-Orarju jibqa' jgħodd sakemm nerġgħu naqilbu għal ħin tax-Xitwa, jiġifieri sal-Ħadd 24 ta' Settembru 1989.*

## *Editorjal:*

# DMIRNA FIL-FESTA

Waqt li tkunu qed tqallbu l-paġni tar-rivista tagħna l-festa tal-Patrun tagħna u t'Għawdex San Ġorġ tkun kważi ser tibda. It-tħejjijiet ikunu fl-aqwa tagħhom u kważi kollox ikun lest biex niċċelebraw kif jixraq u kif dejjem għamilna din il-festa, kampjun tal-festi titulari f'Għawdex.

Iżda tajjeb f'dan il-mument ta' ftit jiem qabel il-festa nieqfu ftit u naħsbu dwar x'inhuma d-dmirijiet tagħna, bħala parruċċani, fil-festa titulrai tagħna. L-ewwelnett u l-iktar importanti huwa li aħna lkoll nitqawwew fil-fidi u ngħixu aħjar w iktar sewwa minn qabel, il-ħajja tagħna bħala nsara. Il-festa tiġi biex tfakkarna u tħeġġiġna biex bħal San Ġorġ nissieltu biex nirbħu l-qawwiet tal-ħażen biex bħalu naslu fil-glorja eterna. Bi tħejjija għal-festa kellna disa' ħamisijiet li matulhom smajna dwar il-virtujiet tal-patrun tagħna. Issa baqa' ftit jiem biex ngħamlu festa f'ġieħu. Iżda nkunu qed nitqarrqu jekk nagħmlu biss festa li tidher u ma nippruvawx ninbidlu minn ġewwa biex bħalu nsiru qaddisin.

Dmir ieħor li nħossu li kull parruċċan ġorġjan għandu jaqdi fil-festa huwa li jieħu sehem attiv fil-ġimgħa sħiħa ta' festi li jiġu organizzati. Ħafna jkunu minn ta' l-ewwel għall-marċijiet u biex jaraw u jisimgħu l-baned. Iżda dawn ħafna drabi ftit li xejn jersqu għal-funzjonijiet fil-knisja. Dmir iż-ŻGĦAŻAGĦ hu li b'mod speċjali jattendu għall-funzjoni speċjali li ssir għalihom. Dmir it-TFAL ikun li jiġu meta ikollhom il-funzjoni tagħhom. L-EMIGRANTI li jkun hawn fostna għandhom ukoll jersqu lejn il-Bażilika fil-funzjoni tagħhom. F'kelma waħda lkoll kemm aħna għandna nħossu id-dmir li ma nħallux il-festa tgħaddi mingħajr ma nkunu sellimna lil San Ġorġ fid-dar tiegħu, fejn jilqagħna b'idejh miftuħin biex permezz tiegħu nersqu iktar qrib Ġesù li tant iħobbna.

Inħossu li nkunu qed nonqsu jekk bħala Ġorġjani ma nsemmux dmir ieħor li lkoll għandna. Dan hu li ngħinu kif nistgħu, kemm fil-festi fil-Knisja, kif ukoll fil-festi ta' barra. Ħafna u ħafna jkunu dawk li min jeddhom u kważi mingħajr ma titlobhom joħorġu bil-qalb l-offerta ġeneruża tagħhom kemm għall-festi ta' ġewwa kif ukoll għall-festi ta' barra. Oħrajn ikunu minn ta' l-ewwel li jgħinu fl-armar, tindif u mitt ħaġa oħra. Iżda hemm oħrajn li d-dmir tagħhom li jgħinu ma jħossuhx. Fil-festa tagħna ma nistgħux nibqgħu spettaturi. Irridu nkunu kollaboraturi biex nkunu nistgħu b'wiċċna minn quddiem nifirħu u ngħollu leħinna biex ifaħħru lill-Kbir Patrun tagħna San Ġorġ.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**

# F'RIĠLEJN MARIJA F'MISRAĦ SAN ĠORĠ



Nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 1989 paġna ġdida għall-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ. Dan imħabba li għall-ewwel darba ġiet organizzata MANIFESTAZZJONI MARJANA f'għeluq ix-xahar ta' Mejju, ix-xahar tal-Madonna.

Il-programm kien varjat ħafna u ma dejjaqx lil dawk il-mijjiet ta' nies li kienu preżenti.

Kif qalilna Dun Ġorġ Grima, f'kelmtejn ta' ntroduzzjoni, "nġbarna ħdejn Ommna tas-Sema, mhux aħna biss, imma ukoll magħqudin mal-ħames kontinenti mlebsin minn diversi żagħżagħ biex nfaħħru 'l Marija". Ħelwa u mimlija kienet id-daħla tal-Madonna ta' Fatima merfugħa mill-qassisin tal-parroċċa li ħalliet żgur impressjoni ferm tajba.

Kienet idea tassew tajba li ġie rreċtat ir-Rużarju missjunarju tal-ħames kuluri; aħdar, li jfisser l-Afrika; aħmar, li jfisser l-Amerika Latina; isfar, li jfisser l-Asja; ikħal, li jfisser Oceanja u l-abjad li jfisser l-Ewropa. Dawn il-kuluri kienu tassew ħelwin fix-xena f'idejn it-tfal taċ-Ċentri tad-Duttrina tar-Rabat.

Prosit tassew liż-żewġ korijiet: Chorus Urbanus u Laudate Pueri, għal dak li kantaw, li tant ħelu telgħu dawk il-vuċijiet bħala tifħir lill-Madonna. Xejn inqas ħadna pjaċir b'dawk il-poeżiji meħudin mill-kitba ta' poeti ġorġjani. Anke l-Għaqda Żgħażagħ "La Stella" ippreżentat b'mod modern u ta' rispett il-mima maħduma fuq il-Misteri tar-Rużarju. Il-Banda La Stella wkoll imliet b'mod festiv biż-żewġ marċijiet marjani li daqqet.

Il-kelma tal-Arċipriet Salv Borg, għalkemm qasira żgur li daħlet fil-qlub tad-devoti tal-Madonna. Tajba ukoll kienet l-idea tal-Konsagrazzjonu lil Madonna minn diversi kategoriji, għaliex f'Misraħ San Ġorġ kulħadd kien qalb waħda u ħsieb wieħed fuq il-Madonna.

Din iċ-ċelebrazzjoni Marjana bdiet "F'Riġlejn Marija" biċ-ċapċip hekk kif waslet il-Madonna, u spiċċat b'mod iktar festiv il-mota solenni tal-qniepen tagħna fost iktar ċapċip u ferħ.

J'Alla attività bħal din tirrepeti ruħha sena oħra.

# *Il-Kor 'LAUDATE PUERI' irodd Ħajr lill-Ex-Allievi ta' DON BOSCO*

Il-kor 'Laudate Pueri' radd ħajr lill-Kunsill Eżekuttiv tal-Konfederazzjoni Mondjali ta' l-Exallievi ta' Don Bosco b'Konċelebrazzjoni solenni li ġiet organizzata fil-Bażilika tagħna nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju 1989. Dan sar għax il-Kunsill Eżekuttiv kien qed jagħmel il-laqgħa tiegħu f'Għawdex.

Għal din il-Konċelebrazzjoni, li għaliha attendew bosta nies, kien preżenti il-Kumitat Eżekuttiv kollu mmexxi minn Dr. Giuseppe Castelli kif ukoll il-Ministru għal Għawdex, l-Onor Anton Tabone.

Fi tmiem il-quddiesa l-Arċipriet Mons Salv Borg radd ħajr lill-Konfederazzjoni Mondjali għal-laqgħa sabieħa li kienu taw lill-kor ġewwa Ruma fl-okkażżjoni ta' l-ewwel Kungress Mondjali, u ppreżenta rigal lil Fr. Charles Cini S.D.B. id-Delegat Mondjali u lil Dr. Giuseppe Castelli, il-President Mondjali. Dr. Castelli minn naħa tiegħu radd ħajr lill-Arċipriet u lill-kor u qal li din il-quddiesa ma timtesa qatt. Wara, il-Kunsill kollu flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru u l-membri tal-kor flimkien mal-familjari tagħhom kienu mistiedna għal 'drinks' fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali.

Fr. Charles Cini S.D.B., li mexxa l-Konċelebrazzjoni, f'kelmtejn li għamel reġa' għal darb'oħra rringrazzja lill-kor u lil dawk kollha li taw sehemhom għal din il-laqgħa sabieħa li ġiet organizzata f'ġieħ il-Kunsill Mondjali ta' l-Exallievi.







Programm
tal-Festi Solenni
li ser jiġu
Iċċelebrati fil-Belt Victoria

*f'ġieħ*

# *SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI*

**Il-Ħadd 9 ta' Lulju**
Fl-10.00 a.m. Dun Manwel Buttigieg iqaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu, flimkien mal-Kapitolu u l-Presbyterium tal-Parroċċa. Il-banda La Stella takkumpanja l-korteo b'daqq ta' marċi brijużi.

**It-Tnejn 10 ta' Lulju**
Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Manwel Curmi, Direttur ta' l-Uffiċċju Promozzjoni Umana fil-Kurja t'Għawdex. Fit-tmiem tal-Quddiesa, l-Parroċċa toffri dak kollu li jkun inġabar fil-Kampanja ta' ġenerożità b'riżq l-Istituti t'Għawdex.

**It-Tlieta 11 ta' Lulju**
Fis-6.00 p.m. Laqgħa għaż-Żgħażagħ li fiha Dun Jimmy Xerri jmexxi talb u quddiesa b'messaġġ liż-żgħażagħ kollha.
Fis-7.00 p.m. Marċ mill-banda La Stella organizzat mill-Għaqda Żgħażagħ tas-Soċjetà. Matul il-marċ li jibda mill-Każin, tinġarr statwa ġdida ta' San Ġorġ bħala tfajjel, li inħadmet minn din l-istess Għaqda.
Fit-8.00 p.m. Ħruġ minn niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur fl-injam ta' P.P.Azzoppardi u l-ewwel statwa titulari f'Għawdex.

**L-Erbgħa 12 ta' Lulju: L-Ewwel Jum tat-Tridu**
Fl-4.30 p.m. Quddiesa għall-Anzjani u l-Morda tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk preżenti. Mons. Rosario Borg Vigarju Foraneo jmexxi din il-funzjoni.
Fis-6.30 p.m. Għasar bil-Kant Pontifoniku u Priedka tat-Tridu minn Dun Ġwann Bosco Cremona. Wara l-Priedka Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fl-10.00 p.m. Dimostrazzjoni minn Pjazza San Franġisk bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Tieħu sehem il-banda La Stella. Fi Triq Repubblika logħob tan-Nar mill-aħwa Farrugia.

**Il-Ħamis 13 ta' Lulju: It-Tieni Jum tat-Tridu**
Fit-8.15 a.m. Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu matul din is-sena, mill-aħħar festa ta' San Ġorġ 'l hawn.
Fil-5.00 p.m. Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Jiġu amministrati s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma lill-ulied l-emigranti li jkunu fostna għall-festa. Issir il-Premjazzjoni għal l-aħjar tifel u tifla taċ-Ċentri kollha tad-Duttrina tal-Parroċċa. It-tfal jingħataw tifkira ta' l-okkażżjoni.
Fis-6.30 p.m. Għasar kantat u kollox bħal jum ta' qabel.
Fl-10.00 p.m. Marċ brijuż mill-banda La Stella Mattoroq ta' madwar il-Bażilika.

**Il-Ġimgħa 14 ta' Lulju: L-Aħħar Jum tat-Tridu**
Fit-8.15 a.m. Konċelebrazzjoni b'suffraġju għas-saċerdoti mejtin tal-Parroċċa.
Fis-6.00 p.m. Għasar kantat u kollox bħal jum ta' qabel.
Fid-9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa tal-festi esterni f'Għawdex. Tieħu sehem il-banda La Stella li żżanżan sett ta' marċi ġodda. Fi Triq Repubblija logħob kbir tan-Nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Is-Sibt 15 ta' Lulju: Lejliet il-Festa**
Fit-8.15 a.m. Konċelebrazzjoni li fiha jsir talb għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Bażilika. Mistiedna l-emigranti ġorġjani li jkunu ġew fostna. Fit-tmiem tal-Quddiesa jitkanta Te Deum bħala egħluq tat-Tridu.
Fid-9.30 a.m. Marċ brijuż mill-Banda La Stella minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin.



*Il-ħruġ tal-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb ewlieni tal-Bażilika waqt li qed jindaqq l-innu 'A San Giorgio Martire' fl-1947.*

Fil-11.00 a.m. Riċeviment fil-Każin La Stella ad unur ta' l-E.T. Mons. Isqof, il-Kapitolu u l-Presbyterium Ġorġjan.
Fil-5.30 p.m. Quddiesa letta bl-Omelija li tissosisfa l-obbligu tas-smigħ tal-quddiesa tal-Ħadd.
Fis-6.00 p.m. Marċ mill-Banda La Stella mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa l-wasla ta' l-E.T. Mons.



Isqof, Dekan tal-Kapitolu Ġorġjan.

Fis-6.30 p.m. Transulazzjoni Solenni u Għasar Pontifikali mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof flimkien mal-Kapitolu. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fit-7.45 p.m.: Inawgurazzjoni tal-Librerija Parrokkjali mill-E.T. Mons Isqof. Nikol Cauchi.

Fit-8.00 p.m. Programm Mużikali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta fi Pjazza San Ġorġ. Jidderieġi Mro. Clo. Caruana.

Fid-9.30 p.m. Esekuzzjoni mill-Banda La Stella fi Pjazza San Ġorġ ta' l-Innu Mmortali "A San Giorgio Martire" mużika ta' Gius. Giardini Vella fuq versi ta' Prof. Luigi Billion. Jieħdu sehem, Baritonu, Tenur u l-Kor tas-Soċjetà. Jidderieġi Mro. Joseph Vella B. Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Dritt wara, marċ singulari bis-sehem taż-żewġ baned ċittadini "King's Own" u "La Stella" li matul ż-żewġ baned jdoqqu bħala "massed band". Fi tmiem il-marċ logħob tan-Nar fi Pjazza Sabina maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Il-Ħadd 16 ta' Lulju: JUM IL-FESTA**

Fit-8.00 a.m. Marċ mill-banda Filar. 'King's Own.

Fit-8.15 a.m. Wasla ta' l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi u kant tat-Terza.

Fit-8.30 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi Ph.D., Lic. Sc.Soc. Jinseġ il-Paniġierku Mons. Bartolomeo Bezzina tal-Kapitolu Metropolita.

Fl-10.30 a.m. Marċ popolari mill-Banda Filar. 'King's Own' mat-toroq tal-Belt Victoria.

Fil-11.00 a.m. Tqassim tal-premjijiet mill-Ministru għal Għawdex ġewwa Villa Rundle lir-rebbieħa tal-Wirja "Fniek u Tjur" organizzata mis-Soċjetà Agrarja t'Għawdex.

Fit-3.00 p.m. Radio Malta I ixandar sett ġdid ta' marċi brijużi mill-Banda La Stella

Fit-3.30 p.m. Tiġrijiet kbar bis-sehem ta' l-aqwa bhejjem minn Malta u Għawdex. Il-Ministru għal Għawdex iqassam l-premjijiet lir-rebbieħa.

Fil-5.00 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-W.R.Mons. Clo.Scicluna Arċipriet tal-Katidral.

Fis-6.15 p.m. Għasar Solenni mmexxi mill-W. Rev.mu Arċipriet Mons. Salv.Borg.Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fis-6.30 p.m. Marċ mill-banda "San Ġorġ" ta' Ħal-Qormi minn Triq Repubblika għal Pjazza San Ġorġ.

Fis-7.00 p.m. Marċ mill-banda "La Stella" mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.

Fis-7.30 p.m. Tibda ħierġa l-purċissjoni pontifikali. Il-Banda La Stella tesegwixxi l-Innu "A San Giorgio Martire" bis-sehem tal-Kor, Baritonu u Tenur.

Fit-8.00 p.m. Tibda timmarċja l-Purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan bis-sehem tal-Kapitolu u l-Kleru Ġorġjan u l-membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-banda "La Stella" b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi fosthom "Lil Kbir Martri San Ġorġ" mużika ta' Vincenzo Ciappara versi ta' P. Akkursju Xerri u "Georgius Natus Est" mużika ta' Joseph Vella versi tal-Kan. Joe Mejlak.

Fit-8.30 p.m. Programm Mużikali mill-banda "San Ġorġ" ta' Ħal-Qormi fi Pjazza Indipendenza.

Fil-10.30 p.m. Daħla trionfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ bid-daqq ta' l-innijiet mill-banda "San Ġorġ" ta' Ħal-Qormi.

Fil-11.00 p.m. Marċ brijuż u popolari mill-banda ċittadina "La Stella" li bih jingħalqu dawn il-festi kampjun tal-gżira t'Għawdex.

*- Fil-jiem tat-tridu jiġi esegwit l-Innu "Georgi Miles Inclite" kompożizzjoni ta' Mons. Ġużeppi Farrugia u l-Antifona kliem ta' San Pier Damiani u mużika ta' Carlo Flamengo.*

*- F'jum il-festa tiġi esegwita l-Quddiesa "Mass in D Major" kompożizzjoni ta' Mro. Joseph Vella.*

*- Din is-sena wkoll saret l-Induratura tal-Koppletta ta' Santa Katerina, fuq inizjattiva tal-Kan. Dun. Nikol Vella Apap, kif ukoll il-freeze fil-Kappelli ta' San Pawl u San Ġużepp, li ġew mogħtija minn żewġ benefatturi: J.C. (Victoria) u G.F. (Victoria). Ix-xogħol huwa tas-Sur Ġużeppi Sagona.*

*- Damask ġdid għas-sekondi pilastri tan-navi kollha, li sar bl-inizzjattiva ta' Mons. Anton Grech Vella.*

*- Opri ġodda fuq barra: Sett pavaljuni tad-Dawl għall-Pjazza Indipendenza; Statwa ġdida ta' San Ġorġ bħala tfajjel; Restawr ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ ta'Cremona mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi; Restawr ta' l-anġli ta' Triq Librerija; Tarjola ġdida biex tittella l-Istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel.*

*- Quddies fil-Bażilika nhar il-Festa: 4.00 a.m.; 5.00 a.m.; 6.00 a.m.; 6.30 a.m.; 7.00 a.m.; 7.30 a.m.; 8.00 a.m.; 8.30 a.m. (Pontifikal); 9.00 a.m.; 10.00 a.m.; 11.00 a.m.; 12.00 a.m.; 4.00 p.m.; u 5.00 p.m. Il-quddies tat-8.00 a.m., 9.00 a.m. u 10.00 a.m. jinżammu fiċ-Ċentru Parrokkjali.*

*- GĦALL-KUMDITÀ TAL-MALTIN LI JIĠU GĦALL-FESTA JKUN HEMM TRIPS BEJN IĊ-ĊIRKEWWA U L-IMĠARR MATUL IL-ĠURNATA KOLLHA.*

# "Qassisin f'Għawdex sa l-1689" It-Tieni Taqsima

minn John Bezzina

**Għal Ewwel Darba**

Ma nippretendux li din il-Lista hija xi elenku sħieħ tal-Qassisin f'Għawdex sa l-1689, imma ta' l-inqas hija l-ewwel waħda li qed tiġi miġbura. Tista' tiżdied u tista' tintraqa minni stess jew minn ħaddieħor. Dak li jkun jista' iżid magħha, bħal ma ser nagħmlu l-lum stess billi inżidu sitt saċerdoti mal-lista li dehret fil-ħarġa ta' "Il-Belt Victoria" Marzu-April 1989, tista tiġi ikkoreġuta xi data, xi isem jew xi kunjom.

Norqmu l-Ewwel lista (a)

Seklu XV

| | |
|---|---|
| 1. Theobaldo D. Tomeo | :12-10-1435 - ....... |
| 2. De Federico, D. Enrico | -1449 - ....... |
| 3. De Barberio, Kje. Pietro | :10-9-1465 - .......(Paolo?) |
| 4. Debbus, D. Nikol | -1491 - 1495 |
| 5. Debbus, Kje. Francesco | -1499 - ....... |
| 6. Rapa, D. Pin (iben Matteo) | -1499 - 1551. (b) |

**Aktar ħbit mill-Ħallelin tal-Baħar**

Fl-ewwel taqsima semmejna l-attakki li saru fuq Għawdex minn kursari 'nsara jew le, bejn l-1274-1389. Is-sekli XV u XVI bħal ta' qabilhom kienu wkoll mimlija ħbit. Is-sibbien ħabtu għal 'Magħadija' t'Għawdex fl-1405 meta' waqa lsir ma oħrajn Francesco Bajada 'Secreto ta' Għawdex, li wara infeda. Inżul ieħor seħħ fl-1408. Xi darba wara l-24 ta' Ġunju 1411, imma fl-istess sena, Gwerra Ċivili bejn il-Malti Cikko Gatto w in-nies tal-Partit tiegħu u dawk l-Għawdxin taħt Bernard Cabrera u Antonio Barba. Dan il-Partit Għawdxi ħareġ tellief, Toni Barba imkeċċi minn Għawdex, ikkonfiskawlu l-artijiet li kellu imma fis-17-6-1413 nerġgħu insibuh Għawdex.(c)

Għawdex bħal Malta kien maqsum politikament, partit favur l-Ammirall Cabrera wil-Katalonisi, partit favur Kastilja, u partit favur Aragona (d). Sakemm dam jiddomina bil-flotta tiegħu li l-Għawdex il-Katalonis Cabrera, il-partit ta' Aragona u dak ta' Kastilja kienu min taħt, imma malli Cabrera telaq minn Għawdex, Cikko Gatto, li kien favur l-Aragonisi bin-nies tiegħu Maltin u m'humiex ħabtu għal-partit ta' Katalonja, il-Partit ta' Antonio Barba li kif għedna ħareġ tellief u Għawdex għadda mill-ġdid għal taħt l-'inclita casa di Aragona' (e) u li standardi ta' S. Ġorġ (Aragona) u ta' S.Ġakbu (Kastilja) ingħaqdu taħt ir-Reġina Bianca.

Ħbit ieħor mill-kursari seħħ qabel it-30 t'April 1413, li ma tulu safa maqtul l-istess Francesco Bajada li semmejna u li kien mifdi żgur fl-1409. Aktar attakki fuq Għawdex seħħew fl-1416 u fl-1417. Dan kien Assedju tassew kbir tant li fis-6 t'April 1418 l-Università ta' Malta baghtet għand il-Viċirejjiet ta' Sqallija lil Ġurat Giovanni Vaccaro b'għadd ta' petizzjonijiet fosthom sabiex bla telf ta' żmien jibnu torri fuq Kemmuna, li ma kienetx għajr bejta tal-Ħallelin tal-baħar, u wrew ċar li jekk ma jsirx hekk Malta tinqered bħal ma ġara min Għawdex: *"sirraper deveniti ad finali excidiu ed destructioni in lu maynera di Gozu" (f)*

Nafu li saru attakki oħra fuq Għawdex fl-1423 minn għaxar bastimenti torok, fl-1429 minn Kaid Ridwan, meta kif jingħad dehru fuq is-Swar tal-Imdina S. Pawl, S. Agata u S. Ġorġ. Dawn naturalment kienu il-Vessilli ta' l-Imdina (S.Pawl) tar-Rabat ta' Malta (S. Agata) u ta' Ħal Qormi (S.Ġorġ). Dan il-ħbit seħħ bejn it-23-26 ta' Settembru meta 18,000 mislem fuq 70 ġifen niżlu fil-gżejjer tagħna u qabdu bejn 3,500 u 4,500 ruħ: *"Mai non so oldido tanta crudelitate et vergognia de Xani..."* (g) Għal darba oħra fl-1439 Għawdex safa imħarbat minn bastimenti Calabrisi (h). Attakki oħra seħħew fl-1452, fl-1470 (?) u fl-1487.

Matul l-ewwel tletin sena tas-seklu XVI (1500-1530) Għawdex kien maħbut ukoll għadd ta' drabi: fl-1500, fl-1501, fl-1507 (qabel Settembru), fl-1511 darbtejn, l-aħħar darba fit-3 t'Ottubru, fl-1521, fit-23 t'Awissu 1523, fl-1525 u fl-1526. Minbarra dawn l-attakki kollha kellna wkoll f'Għawdex flaġelli oħra, u dawn kienu wkoll qotrana. Huwa ma dwar dan li sfond ta' ġrajjiet kiebja, ta' prepotenza, ta' setgħa għal poter, ta' taħwid politiku li għandha tindamm il-ġrajja soċjali, politika u ekklesiastika ta' Għawdex ta' l-imgħoddi. Kull fejn jissemma xi wieħed minn dawn is-saċerdoti f'Għawdex li elenkajna u li għad nelenkaw insibu marbut miegħu 'ftit tagħrif'. Jiena 'nqis dawn l-'intietef' ta' tagħrif bħal biċċiet żgħar tal-logħba 'Jigsaw Puzzle', kull biċċa mhix imqasqsa eżattament bħal l-oħra, biċċiet imxerrdin l'hemm u l'hawn qishom għadam ta' skeletru imferrex.

Imma darba li niġbru dawn il-biċċiet li naħslu insibu 'mferrxa w imħawda u b'sabar kbir inqabbluhom li stampa tibda tieħu is-sura tagħha vera. Għalkemm meta' 'nkunu nqabblu l-biċċiet imferrxa, aħna żguri li ser insibu xi biċċiet nieqsa, b'dana kollu il-biċċiet imqabbla l-ewwelnett jagħtuna idea ġenerali ta' li stampa sħieħa, it-tieni, kull biċċa stampa tagħtina dettalji ċari tagħha 'nfisha u ħijilijiet ċari wkoll tal-biċċiet li jmissu magħha anke jekk dawn ikunu nieqsa u li xi darba għad jistgħu jinstabu.

**Qassisin tas-Seklu XVI**

Fl-ewwel lista elenkajna 36 qassis, fil-fatt riedu jkunu 35 wieħed, għaliex bi żvista lil 'TILLIRIXI, D. Piet' niżżilnieh darbtejn Nri.12 u 28. Ma dik il-lista il-lum żidna sitta oħra, jiġifieri l-għadd ta' qassisin elenkati bejn l-1300 (?) u l-1500 huwa ta' 41 saċerdot.

**1501 - 1530**

| | |
|---|---|
| 1. Manuele, D. Francesco | : 05-3-1501 - ....1527 miet. |
| 2. Caxaro, D. Brandano | : 02-8-1502 - ....1565 miet. |
| 3. Tillirixi, D. Andrea | : 22-11-1502 - .... (i) |
| 4. De Federico, D. Anton-Pietro | : 08-11-1502 - .... |
| 5. Farrugia, D. Marco | : 14-7-1502 - .... |
| 6. Urdop, D. Angelo | : 00-11-1502 - .... |
| 7. Urdop, D. Marco | : 22-11-1502 - ....1520 miet. (j) |
| 8. De Bordino, D. Enrico | : 03-3-1503 - .... (k) |
| 9. Mannara, D. Angelo | : 11-5-1504 - ....1530 miet (l) |
| 10. Apap, D. Antonio (xiħ) | : 20-2-1509 - Waqqaf Ta' Wied il-Mielaħ. |
| 11. De Aparis, Kje.Lancea | : 00-0-1510 - .... 1545 kien għadu ħaj. |
| 12. Anastasi, D. Ġwann | : 06-5-1510 - .... |
| 13. Theuma, Sudd. Ġwann | : 26-5-1510 - .... |
| 14. Theuma, Patri Lazzru | : 03-10-1511 - Jaqa lsir, mifdi, miet 1526 |
| 15. Guerrerio, D. Pietro | : 00-0-1511 - Maħtur Kapp. ta' l-Assunta |
| 16. De Bisconis, D, Leonard | : 15-3-1511 - 1526 miet (Andrea?) |
| 17. De Bordino, D. Nikola | : 09-10-1511 - ..... (m) |
| 18. De Sans, D. Andrea | : 1511 - kiseb il-Ben. Tal-Foqra (n) |
| 19. Frontina, D. Tommaso | : -1513 - Magħruf bħala Mario. |
| 20. Manuele, D. Ġwann | : -1514 - Iben Pontio u Fata. |
| 21. Rapa, D. Ġwann | : -1514 - 1552 miet fil-jasar (o) |
| 22. De Aparis, Kje. Lawrenz | : -1515 - 1586 miet fil-jasar (p) |
| 23. De Brunetto, D. Matteo | : 19-11-1515 - 1544 miet. |
| 24. Pontremoli, D. Salv | : -1516 - 1517 maħtur Vig. For. (q) |
| 25. Bonavia, D. Bartilmew | : 03-9-1519 - .... (r) |
| 26. De Lucia, Kje. Ant. | : 03-9-1519 - .... |
| 27. Saliba, D. Pin | : -1519 - ....maħtur Vig. For. (Sagona?) |
| 28. Cassar, D. Antonio | : -1521 - .... |
| 29. Veneziano, D. Dionisio | : -1521 - .... |
| 30. De Lumo, D. Antonello | : -1522-1542 Kappillan ta' Savina. |
| 31. Soria, D. Girgor | : -1525-.... (s) |
| 32. De Sans, D. Girgor | : -1526 Miet (t) |
| 33. Mangion, D. Dumink | : -1528 maħtur Kapp. ta' l-Assunta |

**RIFERENZI**


a. Id-data li tidher l-ewwel ħdejn kull qassis hija l-eqdem li ltqajna magħha u li fiha jissemma.

b. Jaqa lsir fl-1551 u jmut fil-jasar.

c. Luttrell Anthony L. Medieval Malta, London 1975 p.136

d. Bezzina John Medieavalia : Telstar u Berqa ħarġiet Ġunju-Lulju 1970.

e. Archivio Storico di Malta Vol. VIII p.428.

f. Gianbruno S. Genuardi L. Capitoli Inediti pp387-389.

g. Archivio Storico di Malta, 1937 p.279.

h Luttrell ...p.51.

i Fit-28 ta' Lulju 1502 insibu li f'Għawdex kien hemm żewġt Vigarji Foranej. Kienu il-Kan. Sagona, D. Pin u f'dan il-jum inħatar ukoll il-

Kappillan ta' l-Assunta Giributini, D. Pawl, li kien Vig. Foranej fl-1495 fis-sena li nħatar Kappillan. Għaliex żewġt Vigarji Foranej? Din il-ħatra ta' Vigarju ma kienetx xi dritt tal-Kappillan ta' l-Assunta bħal ma indikaw xi wħud fil-kitba tagħhom. Għadd ta' drabi insibu wkoll il-Kappillani ta' S. Ġorġ f'din il-ħatra.

j. Dawn iż-żewġt aħwa kienu joqgħodu fil-kastell. Angelo jissemma wkoll fit-8 ta' marzu 1521.

k. F'dan il-jum De Bordino, għadda l-Benefizzju ta' S. Pawl taz-Zuntier (ta' Gaduara Giorgio u oħrajn) lil De Federico D. Gualterio (Nru.35 ta' l-ewwel Taqsima). Fl-1503 miet Gaduara D. Lucian l-aħħar kappillan ta' S.Ġorġ tas-seklu XV, Ara wkoll nota (m).

l. F'dan il-jum D. Anġ. Mannara kiseb il-benefizzju ta' Lia (ta' Mwieġ il-Baħar - il-Qbajjar). Fl-1505 insibuh kappillan ta' S. Ġorġ flok il-mejjet D. Luċjan Gaduara.

m. Ma nafux jekk D. Nikol kienx hu D. Enrico (Nru. 8) li kellu l-Benefizzju ta' Gaduara. Li nafu żgur huwa li f'dan il-jum ġie interrogat bil-ġurament: 'Jekk kellux f'idejh *"Scripturas Apostolicas Parrochie sub vocabulo Sancti Georgi Terre et insulae Gaudisii cum Ecclesiis sibi conexis..."* liema bolol qabel kinu f'idejn D. Luċjan Gaduara (Kappillan ta' S. Ġorġ), u jekk hu kienx prokuratur. D. Nikol xehed li la kien u anqas ma hu prokuratur, u la kellu u la għandu xi: *"Bullas vel rescripta Apostolica super tale negocio dicte Parrochie et Ecclesiarum.."* Għal aktar dettalji ara: "San Ġorġ" Bullettin Storiku Vol. II Nov.1972.

n. D. Andrea De Sans laħaq Kappillan ta' S. Ġorġ fl-1544 wara il-Kappillan Dun Alvaro Castella. De Sans dam Kappillan biss sa l-1546 meta insibu Kappillan ta' S. Ġorġ lil Dun Lawrenz De Apapis. Alvaro de Castella miet fil-jasar fl-1547.

o. Fl-1525 kien Vig. For. Dan kien nepputi tal-Kan. D. Pin Sagona li kien Vig. For. fl-1501, 1502, 1507, 1511, 1514. Kien nepputi ukoll ta' D. Pin Rapa li miet ukoll fil-jasar bħal D. Ġwann li kien ittieħed il-sir min Isman Bassa fl-1551 u miet qabel it-8-6-1552.

p. F'din is-sena D. Lawrenz kien għad għandu biss 15 il-sena, imma kiseb mingħand ħuh Ben. Lawrenz ġie ordnat qassis fl-1523 mill-isqof Dumnikan Bertu de Nasis. Laħaq Kappillan ta' S. Ġorġ 1546 mill-isqof Cubelles. Ruma ħatret Kappillan ta' S. Ġorġ lil Malti D. Pietro Burlo, li ċeda postu lil De Apapis bil-patt li jagħtih pensjoni kull sena. De Apapis li kien ukoll Nutar, waqa' lsir fl-1551. Mifdi f'qasir żmien insibuh mill-ġdid fil-parroċċa tiegħu fl-1552. Maħtur Kan tal-Katidral ta' Malta, insibuh wkoll Vig. Foranej fl-1555, 1567, 1574, 1575 u fl-1580. De Apapis inqabad ilsir mill ġdid fl-1583 u miet fil-jasar xi darba qabel l-1-10-1586.

q. Sabiex ġid in-nobbli ma jixteridx, dawn kienu jiżżewwġu għand xulxin. Huma kienu jwaqqfu benefizzi tar-razza li jingħataw lil min jiġi minnhom, b'riżultat li kull qassis iben in-nobbli, kellu benefizzi u legati li ma kienx ilaħħaq magħhom, wil-qassisin tal-poplu il-qassisin il-fqar, kienu jibqgħu fqar.

r.Tgħid dan ma kien qassis xejn imma kien l-Agostinjan Patri Bert Bonacia minn Bubaqra, li jissemma fl-Assedju tal-1551 bħala Ambaxxatur quddiem Sinam u Dragut dwar iċ-ċedir t'Għawdex.

s. Fl-1525 insibu Vig. For. lil Dun Ġwann Rapa.

t. Dan kien Kappillan taż-Żejtun. Ma nafx x'kien jiġi mill-Kappillan ta' S. Ġorġ De Sans D. Andrea. D. Girgor meta miet kellu f'idejh l-benefizzju Ta' Għoxx in-Naħla tal-Merżuq f'Marsalforn.

## *Rokna għat-Tfal*

Għeżież tfal,

Darba waħda ġiraffa ltaqgħet ma' ferħ ta' ċerv li kien qiegħed jibki. "Għaliex qed tibki?" staqsietu l-ġiraffa. "Għax bqajt waħdi fid-dinja. It-tigra qatlitli 'l ommi!" wieġeb iċ-ċerv.

Il-ġiraffa tħassritu liċ-ċkejken. Qagħdet taħsibha ftit u fl-aħħar qatgħetha li tieħu ħsiebu hi bħala ommu. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar ħabbitu u kienet taħsiblu għal kollox. Ukoll meta l-annimali l-oħra ma kienux isibu x'jieklu, il-ġiraffa, b'għonqha twil, kienet taqtagħlu l-weraq tari mill-għoli.

Iċ-ċerv ma kienx jidħollu f'rasu li dik ma kinitx ommu, li kieku ma qalulux il-frieħ taċ-ċriev l-oħra li kienu joqogħdu jinkuh bl-għonq twil li kellha dik li kienet trabbih. Għall-bidu, kien beda jieħu għalih u sa darba staqsieha: "Mama', il-għala għandek dak il-għonq kollu?" "Fejn naf ibni", weġbitu. "La Alla tahuli, għal xi ħaġa jservi!"

Aktar ma beda jitfarfar, aktar ħabat jitwarrab minnha, u quddiem l-oħrajn l-anqas ma baqa' jsejħilha ommu. Sakemm, jum fost l-oħrajn, telaq bla kliem u bla sliem.

Xahar wara l-ieħor, ix-xitwa, bis-siġar iħaddru, tat postha lis-sajf, bix-xemx taħraq u s-siġar bla weraq. Il-frieħ taċ-ċriev u l-annimali żgħar bdew imutu għax ma sabux ilma u ikel billi anki n-nixxigħat kienu nixfu għal kollox. Il-ġiraffi biss, bil-għonq twil tagħhom, kienu jsibu l-weraq tari li kien jibqa' fil-qċaċet tas-siġar għoljin.

F'qagħda bħal din, il-ġiraffa ma setgħetx ma titnikkitx hija u taħseb f'dak li darba kien iċ-ċkejken tagħha. Min jaf mietx jew hux qiegħed imut bil-ġuħ! Imma lejla waħda tisma' lil min isejħilha u, fuq kollox, min isejħilha bl-isem ta' omm.

"Mama"', semgħet leħen irqiq mistħi jgħajtilha. Kienet ilha żmien ma tisma' min isejħilha hekk, u f'qalbha ħasset ferħ kbir.

"Ċkejken tiegħi", għajtet eċċitata. Hekk huma l-ommijiet! Kienet ilha li nsiet x'kien għamlilha ċ-ċerv. Tbaxxiet fuqu u rat li kien qed imut bil-ġuħ u bil-għatx.

"Ikun imbierek il-Mulej li għoġbu jagħtini dan il-għonq twil!" lissnet il-ġiraffa, fil-waqt li qatgħet xi weraq minn quċċata ta' siġra u tefgħethomlu taħt geddumu. Hawnhekk, anki ċ-ċerv, qabel ma ntefa' jgerrem, kellu jiżżiħajr 'l Alla li għamel kollox sewwa. Minn dak in-nhar, il-ġiraffa u ċ-ċerv qatt iżjed ma nfirdu.

*Tata'*
*Iz-Ziju Peppi*

***Tinsewx il-laqgħa għat-tfal kollha l-Ħamis 13 ta' Lulju fil-5.00p.m. fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġorġ***

## QUDDIESA SOLENNI
## mil-Kan. Onor. Dun Anton Cefai



Fl-okkażżjoni tal-ħatra tiegħu bħala Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata tagħna, ir-Rev. Dun Anton Cefai, mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-Bażilika tagħna nhar it-Tnejn 5 ta' Ġunju 1989. Matul il-Konċelebrazzjoni Dun Anton Cefai radd ħajr lill-Kapitlu Ġorjan għall-unur li għamlulù meta għoġobhom jirriakkomandaw il-ħatra tiegħu bħala Kanoniku Onorarju. Wara, il-Kapitlu u l-kleru flimkien ma familjari ta' Dun Anton Cefai kienu mistiedna għal riċeviment fis-Sala Parrokkjali.

# IL-QIMA LEJN SAN ĠORĠ FIL-BRAŻIL FL-ANTIK

Madwar is-sena 1600 fil-Brażil, fl-Istat ta' Minas Gervias, id-devozzjoni u l-qima lejn San Ġorġ Martri kienet kbira ħafna. L-istess Kapijiet jew membri magħżula mill-poplu biex imexxu l-belt kienu jitolbu biex ikollhom kuraġġ bħal ta' San Ġorġ waqt il-laqgħat tagħhom u għalhekk poġġewh bħala l-Protettur ta' l-Awtoritajiet Ċivili. Ma kienx ikun hemm laqgħa tar-rappreżentanti tal-poplu li fiha ma jġibux statwa ta' San Ġorġ. L-istess membri li huma msejħin bħala "Casa da Camâra" kienu jqisu lil San Ġorġ mhux bħala bniedem-qaddis li għex fl-istorja u spiċċa, imma kienu jħossu l-preżenza attiva tiegħu fosthom u kienu jħallsu tnax-il salarju minimu kull xahar lil "San Ġorġ" jiġifieri lill-Knisja Matriċi tal-post.

L-ispejjeż kollha tal-festa ta' San Ġorġ, li dejjem kienet tiġi ċċelebrata fit-23 ta' April, u li kienet torganizza l-Knisja Matriċi kienu jitħallsu kollha minn din l-istess "Casa da Camâra".

Ta' min isemmi li l-awtoritajiet ċivili kienu jilqgħu bl-aktar dinjità lil xi 'awtorita' li tiġi fil-belt tagħhom. Nhar il-festa ta' "Corpus Christi" fil-belt l-awtoritajiet kienu jmorru jieħdu sehem fil-purċissjoni bl-ikbar rispett u bl-ilbies propju. Billi, kif għidna qabel, San Ġorġ kien meqjus bħala 'bniedem-qaddis' li għadu ħaj, l-awtoritajiet ċivili għamlu statwa ta' l-injam ta' San Ġorġ. Din l-istatwa, li llum ħafna minnhom jinsabu fil-mużewijiet, kienet hekk: San Ġorġ kien ikun liebes ta' suldat u kien ikollu saqajh u idejh jitħarrku sabiex ikun jista' jitpoġġa faċli fuq iż-żiemel. Kien jiftah dawn il-purċissjonijiet Ewkaristiċi San



*Statwa ta' San Ġorġ fil-Brażil f'wieħed mill-mużewijiet.*

Ġorġ fuq iż-żiemel, jiġifieri dik l-istatwa li semmejna poġġuta fuq żiemel ħaj. B'dan il-mod solenni l-awtoritajiet Camâra kienu jilqgħu lil Ġesù Ewkaristiku.

Waħda mill-isbaħ statwi ta' San Ġorġ ta' dan l-istil ġiet maħduma mill-aqwa artist Brażiljan Antonio Francisco Lisboa, magħruf bħala "Aleijadinho" Minħabba li dan l-artist ma kellux swaba in-nies li kienu jaħdmu miegħu kienu jorbtulu f'id waħda l-iskalpell u fl-oħra l-martell. Illum ix-xogħol ta' "Aleijadinho" huwa meqjus bħala wirt u patrimonju nazzjonali.

Mal-proklamazzjoni tar-Repubblika tal-Brażil mill-Portugall dawn id-drawwiet dwar San Ġorġ inqatgħu.

# Lil San Ġorġ Martri

O' San Ġorġ għaddiet sen'oħra,
reġgħet magħna l-festa tiegħek
lkoll aħna ser ningħaqdu
biex flimkien nifirħu miegħek.

Meta tasal din il-festa;
qalbi tqum, ferħ kbir jagħtiha
illi jkun irid jitfisser
f'dawn il-vrus ta' poeżija!

Għalhekk jiena ser ninsiġlek;
minn qiegħ qalbi vrus ħelwin
vrus ħerġin minn ruħ żagħżugħa
u bl-imħabba magħġunin.

Kont imġiegħel inti tiċħad
lil twemmin missirijietek,
iżda biex le tiċħad 'l Alla;
għamilt dak li huwa riedek.

Qatlek fis Diokleżjanu
ġewwa Lidda belt twelidek
iżda inti trijunfanti
ittajjart lejn Alla sidek



W għalhekk aħna ta' kull sena
biex flimkien nifirħu miegħek,
nagħmlu lilek festa kbira,
b'hekk infakkru r-rebħa tiegħek.

Fuq dak kollu li hu ħażen
Inti rbaħt fil-Kappadoċja,
Hekk dragun ikrah, tal-biża'
miegħek Preti mar jassoċja!

O' San Ġorġ, prinċep tal-martri,
żommna dejjem fil-qrib tiegħek
sabiex wara din il-ħajja
fis-smewwiet nithennew miegħek!

*Nathaniel Attard*
*Victoria - Għawdex*
*12 ta' Ġunju, 1989*